

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2022 – Air France-KLM vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-337/17) ⁽¹⁾**

(Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità u l-Isvizzera dwar it-trasport bl-ajru – Koordinazzjoni ta' elementi tal-prezz tas-servizzi ta' trasport ta' merkanzija bl-ajru (sovrataxxa fuq il-karburant, sovrataxxa fuq is-sigurtà, ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi) – Skambju ta' informazzjoni – Kompetenza territorjali tal-Kummissjoni – Ksur uniku u kontinwu – Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur – Kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-immunità – Ugwaljanza fit-trattament – Obbligu ta' motivazzjoni – Ammont tal-multa – Valur tal-bejgħ – Gravità tal-ksur – Tul tal-parteċipazzjoni fil-ksur – Ċirkustanzi attenwanti – Inkoraġġiment tal-aġir antikompetittiv mill-awtoritajiet pubbliċi – Proporzjonalità – Ġurisdizzjoni sħiħa)

(2022/C 207/35)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Air France-KLM (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Wachsmann, A. de La Cotardière u A.-E. Herrada, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Dawes u C. Giolito, aġenti, assistiti minn N. Coutrelis, avukata)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1742 final, tas-17 ta' Marzu 2017, dwar proċedimenti ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ AT.39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti, u, sussidjarjament, għall-annullament parzjali ta' din id-deċiżjoni kif ukoll tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuqha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i terz mill-ispejjeż tagħha.
- 3) Air-France-KLM għandha tbat i l-ispejjeż tagħha kif ukoll żewġ terzi mill-ispejjeż tal-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 256, 7.8.2017.